MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 869/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited, numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija u din bħala aġenta f'Malta tal-prinċipal tagħha, is-soċjeta' assikurattiva estera Societa' Italiana Assicurazioni e Riassucarazioni S.p.a., ta' 12, Saint Christopher Street, Valletta, Malta numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija C5637.**
**Kif surrogata bil-polza u bil-liġi fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Fiona Robertson ta' 'Villa Sirocca', Salvu Buhagiar Street, Marsaskala, Malta, Karta ta' l-Identita' numru 259080(M).**

**-vs-**

**Stephanie Farrugia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fit-12 ta' Novembru, 2004 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu, elfejn u erbgħa (2004), seħħ inċident bejn diversi vetturi fil-Marsa By Pass, Marsa preċiżament fl-inħawi tal-*flyover* fuq Qormi Road;

U illi fost il-vetturi involuti kien hemm dik ta' Fiona Robertson bin-numru tar-reġistrazzjoni FIF-105 u l-oħra AAP-161 misjuqa mill-konvenuta;

U illi lill-attriċi jirriżultalha illi għal dak illi jirrigwarda dawn iż-żewġ vetturi d-dinamika tal-inċident seħħet billi fil-waqt illi l-vettura FIF-105 irnexxielha tieqaf f'ħin biżżejjed sabiex ma taħbatx fil-vettura immedjatament quddiemha, mhux l-istess il-vettura AAP-161 bil-konsegwenza illi din ta' l-aħħar ħabtet b'ċertu qawwa fil-vettura FIF-105 u mbuttatha għal ġol-vettura FBB-293 bil-konsegwenza illi l-vettura FIF-105 sofriet danni inġenti;

U illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet kif ukoll għal nuqqasijiet oħra illi sejrin jiġu pruvati dettaljatament fil-kors tal-kawża, għal dan l-inċident taħti unikament il-konvenuta;

U illi dawn id-danni jammontaw għal ħamest elef u sitt mija Lira Maltija (Lm5,600) li tħallsu mis-soċjeta' attriċi lil Fiona Robertson, u mitt Lira Maltija (Lm100) bħala *excess* illi tħallsu minn Fiona Robertson direttament;

U illi l-konvenuta qegħda tirrifjuta illi taċċetta r-responsabilita' għall-inċident u tħallas id-danni sofferta mill-attriċi fil-waqt illi s-soċjeta' attriċi trid illi tiġi kumpensata ta' dawn id-danni;

Għalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddikjara lilek Stepahanie Farrugia unikament responsabbli għall-imsemmi inċident stradali;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. tikkundannakhom tħallsu dawn id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali spedita kontra l-kumpanija assikuratriċi tiegħek, kontra tiegħek u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunta.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2004 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi u dana stante illi l-inċident in kwistjoni ma seħħx b'xi tort tal-konvenuta, iżda unikament tort ta' l-assikurata tas-soċjeta' attriċi Fiona Robertson (ID: 259080 M) u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba għar-riżarċiment ta' l-ammont ta' mitt Lira (Lm100) rappreżentanti "Excess" imħallas mill-imsemmija Fiona Robertson hija nulla u bla effett, stante illi Fiona Robertson m'hijiex attriċi f'dina l-kawża, u s-soċjeta' attriċi m'għandha l-ebda dritt li titlob rifużjoni ta' flejjes li ma żburżjatx hija stess iżda "illi tħallsu minn Fiona Robertson direttament";

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tar-responsabilita' ta' l-inċident awtomobilistiku *de quo*, is-somma ta' danni mitluba mis-soċjeta' attriċi huwa kkontestat, u dana stante illi m'huwiex kompatibbli mad-

danni tal-valur ta' madwar erba' mija u ħamsin Lira (Lm450) sofferti fuq il-vettura misjuqa mill-konvenuta, u għalhekk, l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi huwa esaġerat;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skond il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 2006 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw il-kawża.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob danni li sofra wara inċident stradali li fih kienet involata assikurata tagħhom. Il-konvenuta qed tikkontesta t-tort u qed tgħid ukoll li d-danni reklamati mis-soċjeta' attriċi qed tikkontestahom stante li m'humiex kompatibbli mad-danni li sofriet hi.

Il-Qorti qabel xejn tista' tiddisponi mit-tieni eċċezzjoni stante illi kif sew osservat il-konvenuta, Fiona Robertson u cioe' l-assigurata tas-soċjeta' attriċi m'hijiex parti fil-kawża u kwindi t-talba fir-rigward tal-mitt Lira *excess* ma tista' tiġi milqugħa għaliex dawn setgħet titlobhom hija biss.

Fir-rigward tal-inċident ma hemmx kontestazzjoni li l-konvenuta kienet qed issuq wara Robertson u spiċċat biex daħlet fuq il-warrani tal-vettura tagħha, iżda fil-waqt li Robertson tgħid li hija ma kinitx daħlet fuq il-vettura ta' quddiemaha qabel ma ġiet imbuttata mill-konvenuta, din tgħid li Robertson kienet ġia' daħlet fuq il-vettura ta' quddiemha u għalhekk *semmai* hija kkawżat biss ħsara fuq il-warrani tal-

vettura tagħha u ma għandhiex tkun tenuta responsabbli għall-ħsarat li sofriet fuq quddiem.

Huwa diffiċli biex wieħed jikkonkludi min qed jgħid il-verita' u l-Qorti taħseb li ż-żewġ nisa huma ġenwinament konvinti minn dak li qed jgħidu, iżda minħabba x-xokk li naturalment ikkawżatilhom il-ħabta mhux qed ikunu daqstant preċiżi f'dak li jiftakru anke jekk naturalment qed jagħtu verżjoni favorevoli għalihom stess. L-abbli difensur tas-soċjeta attriċi għamel enfasi fuq il-fatt li l-*warden* li investiga l-inċident qal li l-konvenuta tatu żewġ verżjonijiet iżda fil-verita' għalkemm fl-ewwel verżjoni qalet li daħlet fuq ta' quddiemha ma qalitx *li imbuttatha* fuq ta' quddiemha u għalhekk kull ma għamlet kienet li ma speċifikatx jekk fil-fatt għamlitx dan u mbagħad qalet li dan ma għamlitux.

Għalhekk il-Qorti se jkollha tistrieħ fuq dak li qalu s-sewwieqa taż-żewġ vetturi li kienu qabel il-kontendenti u cioe' Charles Dalli u Charles Farrugia iżda speċjalment dan ta' l-aħħar li kien qed isuq il-vettura immedjatament preċedenti. Huwa qal b'konvinzjoni li ħa żewġ daqqiet u cioe' ħa daqqa minn wara (u allura mingħand Robertson) u sakemm kien se jiġbor l-affarijiet li waqgħalu mal-art reġa' ħa daqqa oħra; skond hu l-ikbar daqqa kienet l-ewwel waħda (fol 84 u 85).

Dan allura jfisser li mhux id-danni kollha li sofriet is-soċjeta' attriċi ġew kawżati mill-konvenuta iżda parti minnhom. Naturalment huwa diffiċli ħafna għall-Qorti li tispeċifika b'eżattezza d-danni li sofriet Robertson b'kawża tad-daqqa li ħadet mingħand il-konvenuta.

Għalhekk il-Qorti dejjem tista' f'ċerti ċirkostanzi takkorda d-danni *arbitrio boni viri* kif osservat din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawza <u>Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Company Limited</u> (1560/95 PS) meta qalet *ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant anke fis-sistema ta' liġi tagħna l-poter diskrezzjonali illi jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-*

*valutazzjoni ekwitattiva. Indiskutibilment il-ġudikant ma jistax lanqas f'dawn il-każi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti m'hijiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li tkun taf bihom għall-iskop ta' determinazzjoni ta' telf. Minn naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwisiti fil-proċess.* Il-Qorti f'din is-sentenza, mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2004 iċċitat ukoll sentenzi riportati fil-Vol XXXV pt iii paġna 615 u Vol XXIX-i-1285.

F'dan il-każ il-Qorti tħoss illi anke in vista tad-danni li sofriet il-konvenuta b'riżultat tal-ħabta, għandha takkorda danni għas-somma ta' tmien mija u ħamsin Lira Maltin (Lm850).

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra salv dak illi se jingħad u tiddikjara lill-konvenuta parzjalment responsabbli għad-danni mitluba u tikkundannaha tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmien mija u ħamsin Lira Maltin (Lm850). L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------